**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Awwissu, 2017**

**Rikors Revoka Nru: 450/2017 AF**

**St. George Edition Limited (C-40902)**

**vs**

**Apassionata World GmbH debitament rapprezentanta hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Apassionata World GmbH kif rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri, li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tordna u thassar r-revoka *contrario imperio* tal-mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) numru 661/17 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li s-socjetà intimata sekwestranti thallas dawk il-penali li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti li timponi ai termini tal-Artikolu 836(8)(b), (c) u/jew (d) tal-Kap. 12

tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll id-danni li jirrizultaw li gew sofferti mis-socjetà esponenti kagun tal-mandat ta' sekwestru odjern ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kap. 12, u dan bla hsara ghal kwalunkwe proceduri ohra li tista' tiehu s-socjetà esponenti sabiex tirkupra d-danni sofferti minnha kagun tal-mandat ta' sekwestru odjern li gie mahrug fuq talba tas-socjetà initmata sekwestranti; u

3. Fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba hawn fuq maghmula, tordna lis-socjetà intimata sekwestranti tiddepozita fir-Registru tal-Qorti entro terminu prefiss minnha ammont ekwivalenti ghall-ammont mitlub mis-socjetà intimata sekwestranti fuq il-mandat ta' sekwestru *de quo*, jew ammont iehor li jidhrilha xieraq li tordna din l-Onorabbi Qorti, sabiex taghmel tajjeb ghall-penali, danni u interessi, u fin-nuqqas li jsir tali depozitu, tordna t-thassir u r-revoka ta' dan il-mandat ta' sekwestru, u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata sekwestranti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' St. George Edition Limited li ghar-ragunijiet fiha mfissra, ssottomettiet li l-Qorti ghandha tichad it-talbiet.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permess ta' din il-procedura, s-socjetà Apassoniata qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha fuq talba ta' St. George Edition sabiex tigi kawtelata pretensjoni li din tal-ahhar ghandha fil-konfront taghha ghall-hlas ta' somom rapprezentati *royalties u merchandising fees*.

L-Art. 829 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"Kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-*

*mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha."*

L-Art. 836 imbaghad jipprovdi ghat-thassir in toto jew in parte ta' mandat kawtelatorju meta ssib is-segwenti:

*"(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Kif osservat mill-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni taghha Joseph Camilleri et vs Anthony Gové et (10 ta' Mejju 2001) fejn inghad illi:

*"mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura*

*preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza."*

Gie ritenut fil-kawza Fenech vs Spiteri (03/08/2001), illi:

*"Ghandu jigi puntwalizzat li f'dawn il-proceduri l-kwestjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwestjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati u ezaminati fil-fond. Hawnehkk qeghdin fil-kamp tal-"prima facie" u l-Qorti zgur li m'ghandhiex tidhol u tesamina "funditus" il-meritu tal-kwestjoni. Hanwhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg sempliciment ghaliex l-intimat ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabbilitajiet kollha u l-konsegwenzi skond il-ligi anke fil-konfront tar-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti li ghandhom jipprovaw "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti." (ara Fenech vs Spiteri – 3 ta' Awwissu 2001).*

Il-Qorti tirreferi wkoll fil-kuntest ghas-sentenza Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina deciza fis-27 ta' Novembru 1991) fejn gie ritenut illi:

*"id-dritt ta' kawtela – cioè d-dritt procedurali – li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi di dritt wiehed ... Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat mhuwiex id-*

*dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat." Ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet."*

Huwa f'dan l-isfond li l-Qorti ghaddiet biex tqis it-talbiet ta' Apassoniata Limited kif imsejjsa fir-rikors odjern.

Is-socjetà Apassionata tibda biex tistrieh fuq is-subinciz (b) tal-Art. 836(1)(b) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat:

*"li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti."*

Kif irriteniet il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni Mangion Galea vs Stewart (29 ta' Lulju 2005), liema decizjoni baqghet tigi kostantement segwita minn dawn il-Qrati:

*"Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtealtorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mill-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."*

F'dan il-kaz, ma giet indikata lill-Qorti ebda cirkostanza li nbidlet mill-hrug tal-mandat ghajr il-proliferazzjoni ta' diversi proceduri bejn il-partijiet.

Is-socjetà rikorrenti ssostni wkoll it-talba taghha skond dak li jipprovdi l-Art. 836(1)(d) u cioè li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat jew li hu eccessiv. Kif irriteniet il-Qorti fil-fuq citata Mangion Galea vs Stewart:

*"Il-Qorti ghnadha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-*

*ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghhaa fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti."*

Bhal f'dak il-kaz, hawnhekk ukoll, St. George Edition ghandha pretensjoni ta' hlas li tohrog minn ftehim li l-istess St. George tippretendi li jregi bejn il-partijiet. Din il-Qorti ma tistax tiskarta l-ezistenza tal-hekk imsejjah "*fumus juris*".

Dwar l-ammont pretiz, li, s-socjetà rikorrenti odjerna tqis eccessiv din il-Qorti wkoll tirreferi ghal fuq citata decizjoni Mangion Galea vs Stewart fejn il-Qorti sostniet:

*"Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun eżagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod ażżardat." - (ara wkoll Mercieca vs Galea – 29 ta' Novembru 2011).*

Fil-kaz in ezami dwar l-ammont li qieghed jigi kawtelat, is-socjetà St. George qed tistrieh fuq il-ftehim li skond hi huwa dak li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet. Skond l-istess ftehim il-pretensjonijiet taghha huma fl-ammonti dedotti fl-istess mandat.

Bhal fil-kaz Zarb vs Port Cottonera (18 ta' Settembru 2002):

*"Ovvjament, din il-Qorti mhux qed tippronunzja ruhha dwar il-validità tal-pretensjoni tal-intimat jew li hu haqqu dik is-somma kawtelata (dan ghandu jkun il-fini tat-trattazzjoni tal-kawza imressqa mill-intimat fejn qed jitlob il-kanonizzazzjoni tal-pretensjoni tieghu), izda qed tghid biss li, ghal fini ta' dawn il-proceduri, is-somma pretiza ma tidhirx eccessiva."*

Finalment Apassionata tinvoka l-provvediment tal-Art. 836(1)(f) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni tal-Qorti diversament presjeduta fil-kaz Spiteri vs Darmanin deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 fejn il-Qorti fissret illi:

> *"jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug ta' mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh."*

Din il-Qorti tqis ulterjorment illi sabiex iccahhad lil St. George Edition Limited minn jedd li tikkawtela l-pretensjoni taghha kif dedotta fil-proceduri pendenti ikun mehtieg li din il-Qorti tiddetermina l-validità o meno tal-ftehim datat 1 ta' Frar 2016. Dan l-ezercizzju jkun jinvolvi essenzjalment skrutinju aktar profond minn dak li hija tenuta taghmel din il-Qorti f'dawn il-proceduri. Apassoniata World tistrieh estensivament fuq digrieti tal-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti (diversament presjeduta) cahdet diversi talbiet ta' St. George fl-ambitu ta' proceduri kawtelatorji. Minbarra l-konsiderazzjoni essenzjali li din il-Qorti mhijiex marbuta b'tali digrieti, il-Qorti tinnota li f'kull kaz il-Qorti dejjem enfasizzat li l-validità o meno tal-ftehim *de quo* ghandha tigi ventilata fil-proceduri fil-mertu. Il-Qorti tinnota wkoll li uhud mill-proceduri msemmija kienu jinvolvu l-hrug ta' mandati ta' inibizzjoni. Kif risaput, id-dettami tal-ligi u t-taghlim tal-gurisprudenza f'talbiet ghall-mandati ta' inibizzjoni jmorru oltre dak mehtieg minn rikorrenti f'dawn il-proceduri. Minbarra dan, il-konsiderazzjonijiet dwar l-ghaqal ta' decizjoni li kienet twaqqaf ghal kollox in-negozju tas-socjetà ma jistghux jigu skartati.

Finalment, il-Qorti tinnota l-enfasi ta' Apassoniata li ghandha warajha investituri "b'sahhithom". Din il-Qorti tqis illi f'dak il-

kaz, m'ghandhiex issib diffikultà tiddepozita l-ammont pretiz kif digà ddepozitat l-ammont li skond hi ghandu jithallas. Ghalhekk ma tregix fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tezi li l-mandat ser iggib lil Apassionata "gharkopptejha fl-immedjat".

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti timponi penali a tenur tal-Art. 836(8), u senjatament is-sub-incizi (b), (c) u/jew (d). Kif kostantement enfassizat minn dawk il-Qrati, is-sanzjoni tal-penali hija essenzjalment fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Huwa ritenut illi: "Il-penali hija wahda ta' ordni pubbliku immirata biex tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix l-istat tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz." – (ara Refalo vs Calibre Consultants et deciza fit-13 ta' Awwissu 2015) u l-gurisprudenza hemm citata.

Fil-kaz in ezami il-Qorti ma tirriskontrax abbuz.

Ir-rikorrenti titlob ukoll danni. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited deciza fis-27 ta' Awwissu 2008 fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Illi jifdal li l-Qorti tistharreg it-talba tar-rikorrenti ezekutata ghall-kundanna tal-intimata ghall-hlas tad-danni. Il-Qorti ma jidhriliex li talba bhal din ghandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma shiha taghha li talba bhal din tista' ssir biss b'azzjoni gdida ghaliha (illum il-gurnata permezz ta' Rikors Mahluf) u mhux fil-qafas ta' rikors ghat-thassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-ligi tal-procedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawzi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi ghal "citazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li ghalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Mahluf mahsub fl-artikolu 156 tal-Kodici, li m'ghandux x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti ezekutata f'dan il-kaz."*

Finalment il-Qorti qeghda tintalab ukoll timponi garanzija a tenur tal-Art. 838A li jipprovdi testwalment illi:

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

Kif inghad fid-digriet A. L. Projects Limited vs Steel Structures Company Limited degretat fit-30 ta' Marzu 2017 gie ritenut illi:

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug talmandat, li jkun hemm kawza gusta…".*

Huwa ritenut inoltre illi huwa principju stabbilit li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar abbuzivament u b'mod vessatorju.

Fil-kaz in ezami il-Qorti mhijiex sodisfatta li jezistu l-elementi kollha necessarji sabiex iwassluha timponi garanzija kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' r-risposta ta' St. George Edition Limited u tichad it-talbiet kollha ta' Apassoniata World GmbH.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF